**A.L. 13 ta' l-1980**

# ATT TA' L-1974 DWAR IL-'GUEST HOUSES' U POSTIJIET 'FURNISHED' GĦALL-BTALA (ATT NRU. XIV TA' L-1974)

## Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolament dwar il-'Guest Houses' u Postijiet 'Furnished' għall-Btala

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, il-Ministru tat-Turiżmu, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1976 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 134 ta' l-1976

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Għandu jitħallas lill-Bord dwar kull applikazzjoni magħmula u kull ċertifikat u liċenza maħruġa, imġedda jew trasferita taħt l-Att, barra minn liċenza maħruġa taħt l-artikolu 11A, id-dritt xieraq speċifikat fit-Taqsima I tat-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull meta liċenza ġdida tinħareġ mill-Bord wara l-ewwel ta' Lulju ta' xi sena, id-dritt għal dik il-liċenza għandu jkun nofs ir-rata fis-sena applikabbli għal dik il-liċenza.

(3) Kull meta, fil-waqt li jkun hemm liċenza valida, *guest house* jew post għall-btala jiġi klassifikat mill-ġdid fi klassi ogħla minn dik li tkun tidher fuq il-liċenza, il-Bord għandu joħroġ liċenza ġdida skond hekk.

(4) F'kull każ li jaqa' taħt id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, għandu jitnaqqas mid-dritt xieraq li jkollu jitħallas dwar il-liċenza l-ġdida, id-dritt li jkun diġa' tħallas għal-liċenza ta' qabel:

Iżda dak it-tnaqqis ikun daqs nofs id-dritt imħallas dwar il-liċenza ta' qabel jekk il-liċenza l-ġdida tinħareġ wara l-ewwel ta' Lulju ta' l-istess sena.

(5) Għandu jitħallas lill-Ministru għal liċenza maħruġa taħt l-artikolu 11A ta' l-Att id-dritt xieraq speċifikat fit-Taqsima II tat-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, mid-dritt fis-sena tal-liċenza li jinġabar mill-Bord u li jitħallas lilu dwar kull post għall-btala, għandha titħallas lill-Organizzazjoni tat-Turiżmu Nazzjonali dik is-somma li l-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jidhirlu xieraq minn

żmien għal żmien, bħala kontribuzzjoni għall-imsemmija Organizzazzjoni, skond u għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "miċ-*Chairman* tal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru jew miċ-*Chairman* tal-Bord".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Fir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għaxar liri" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

**6.** Minnufih wara s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:—

"IT-TMIEN SKEDA

(Regolament 6)

Ċertifikati u Liċenzi

**Drittijiet**

TAQSIMA I

| Klassi tal-*Guest House* jew Post għall-Btala | DRITT GĦAL | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Applikazzjoni għal Liċenza | Ċertifikat ta' Klassifikazzjoni | Liċenza fis-Sena | Liċenza Temporanja | Trasferiment ta' Liċenza |
| 1. **Guest Houses** | | | | | |
| L-Ewwel Klassi ... | £3 kull *Guest House* | £10 kull *Guest House* | £50 kull *Guest House* | —— | £10 kull *Guest House* |
| It-Tieni Klassi ... | £3 kull *Guest House* | £5 kull *Guest House* | £35 kull *Guest House* | —— | £5 kull *Guest House* |
| Sakemm jiġu klassifikati ... | £3 kull *Guest House* | —— | —— | £2.50 kull *Guest House* | —— |
| 2. **Postijiet għall-Btala** | £2 kull wieħed | £10 kull wieħed | £150 kull wieħed | —— | £2 kull wieħed |

TAQSIMA II

| | Dritt fis-Sena għal Liċenza |
|---|---|
| 1. Kull dar li fiha tiġi provduta akkomodazzjoni lil alloġġjant:— | |
| (a) jekk iż-żmien li għalih tkun ingħatat il-liċenza ma jkunx iżjed minn 3 xhur ... ... | £8 kull dar |
| (b) jekk iż-żmien li għalih tkun ingħatat il-liċenza jkun iżjed minn 3 xhur, jew meta dik il-liċenza tkun ġiet imġedda fl-istess sena ... | £16 kull dar |

| | Dritt fis-Sena għal Liċenza<br>Sa l-ewwel tliet kmamar tas-sodda |
|---|---|
| 2. Kull dar mogħtija b'kiri jew b'enfitewsi lil persuna li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew li tkun okkupata taħt xi titoli minn xi persuna bħal dik, meta l-kera fix-xahar — | |
| (a) ma jkunx iżjed minn £100 ... ... | £35 |
| (b) ikun iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £200 ... ... ... ... ... | £50 |
| (ċ) ikun iżjed minn £200 iżda mhux iżjed minn £300 ... ... ... ... ... | £60 |
| (d) ikun iżjed minn £300 ... ... ... | £100: |

Iżda f'kull każ, id-dritt fis-sena għal liċenza ta' hawn fuq għandu jiżdied b'£10 għal kull kamra tas-sodda addizzjonali 'l fuq mill-ewwel tlieta.".

**7.** Ir-Regolamenti ta' l-1976 dwar id-Drittijiet għal Liċenzi, Ċertifikati u Appelli dwar *Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala huma b'dan revokati.

Jirrevoka l-A.L. 135 ta' l-1976.